MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta' Mejju 2018**

**Kumpilazzjoni numru 323/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Mikdat Terzi**
**(Passaport Tork numru U15179726)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Mikdat Terzi** talli nhar id-19 ta' Mejju 2018 gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li taghmel jew tipproduci jew tippermetti li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecent jew tipproduci, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegh, tissupplixxi, titrasmetti, taghmel disponibbli, takkwista ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, jew turi dak il-materjal indecent; (Art. 208A (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Segwa lil XY bil-mohbi meta qaghad ghassa jew spija fuq l-imsemmija persuna aggravat bil-fatt illi dan id-delitt twettaq kontra persuna li tghix mal-vittma; (Art. 251AA (3) (g) & 251H (a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih; (Art. 49 (a) & (c) Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u wissietu dwar il-piena li jgorru maghhom tali imputazzjonijiet.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija, illi l-*mobile* in kwistjoni gie mghoddi f'idejn il-Pulizija u li l-imputat skuza ruhu mal-vittma seduta stante. Madankollu l-piena se tirrifletti l-gravita` tar-reat pero` in vista li l-imputat ghandu fedina penali netta, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha titratta mieghu b'sentenza sospiza.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 208A (1), 251 AA (3) (g) u 251H (a) tal-Kodici Kriminali u artiklu 49 (a) u (c) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat **Mikdat Terzi** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tigi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum u ghal multa ta' mitejn ewro (€200)**.

Ai termini tal-artikolu 208B (2) tal-Kodici Kriminali il-Qorti qieghda tordna wkoll li ghal zmien tliet (3) snin il-hati jigi pprojbit milli jezercita attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett jew regolari mat-tfal u tordna li din il-projbizzjoni tkun registrata fil-fedina penali tal-imputat.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-mowbajl pprezentat bhala Dokument NS8 u tordna d-distruzzjoni tieghu mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ladarba jghaddi t-terminu tal-appell.

Finalment il-Qorti qieghda tohrog Ordni ta' Protezzjoni favur XY ghal zmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ghal kull azzjoni spettanti lilu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien erba' (4) snin mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur